Minuti tal-Laqgħa Nru. 18 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa 14 t' Ottubru 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is- Sur. Kearon Bruno |
| Skużata | Is-Sinjura Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Post Mortem Attivita 30 ta' Settembru
5. Inawgurazzjoni tal-Bandli
6. Inawgurazzjoni tar-Restawr tan-Niċċa Sant' Andrija
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Camilleri ippropona l-minuti għall approvazzjoni u l-Kunsillier Bruno issekondah.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti preċedenti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku qara email li kienet waslet mingħand l-Maltese Olympic Committee sabiex ikun hemm nomina lill-entita li tkun wetqet xi inizjattivi favur l-isport. Huwa qal lill-Kunsillier Bruno jieħu ħsieb din in-nomina biex ma tintilifx. Is-Sindku qal li fuq din nistgħu nsemmu li l-Kunsill diġa għamel outdoor gym u anki jgħin lil entitajiet sportivi biex jkunu jistgħu jorganiżżaw attivitajiet għall membri tagħhom.

3.2 Il-Kunsillier Bruno qal li huwa kien kellem lil tal-fubol biex jibdew il-pre season qabel Jum Ħal Luqa s-sena d-dieħla. Huwa qal li dawn se jagħmlu attivita apposta fuqha f' April.

3.3 Is-Sindku qara email li waslet mingħand ir-Responsability Gaming Foundation li kienet se ssir konferenza fil-21 t' Ottubru.

3.4 Is-Sindku ressaq stedina minn naħa tac-Children's Choir li kienu se jtellgħu kunċert bħala stedina lill-Kunsilli Lokali li riedu jorganiżżaw attivita għar residenti sabiex jattendu għall dan il-kunċert.

3.5 Is-Sindku qara email li kienet ġejja minn naħa tat-TCTC dwar il-korsijiet li kienu se jorganiżżaw tal-E-Commerce għall adulti. Huwa qal li dawn il-korsijiet kienu se jkunu iffinanzjati minn naħa tar-Reġjun.

3.6 Il-Viċi Sindku qalet li s-Segretarja tar-Reġjun kellha tibgħat rendikont lill-Kunsill Lokali ta' x' kien hemm dovut lill-Kunsill Lokali sabiex aħna nkunu nistgħu nieħdu l-flus li hemm kommessi għall Kunsill ta' Ħal Luqa.

3.7 Is-Sindku qara email dwar il-President's Fun Run li kellha ssir fi ftit tal-jiem oħra.

3.8 Is-Sindku semma li kien hemm ċirkulari 16/2016 li kienet tistipula li l-Kunsilli Lokali kellhom jaħtru Deputat Segretarju Eżekuttiv biex f' każ li s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jista jwettaq il-funzjoni tiegħu dan jkun jista jidħol minfloku. Is-Sindku semma li huwa mill-lista kien jaf li hemm Ms. Mary Lourdes Lautier u li fil-preżent din diġa kienet qed tagħmel

xogħol ta' Segretarju. Huwa qal ukoll li ma din il-persuna jista jaħdem komdu. l-Kunsilliera preżenti kollha qablu sabiex Ms. Mary Lourdes Lautier tinħatar bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għall Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa.

3.9 Is-Sindku qara ittra li kien irċieva għan nom tas-Sur. Jeffrey Scicluna sabiex jitwaqqaf Sotto Kumitat fuq il-kultura u l-edukazzjoni ġewwa Ħal Luqa bl-iskop li jgħin ukoll fl-organiżżazzjoni tal-attivitajiet kulturali. Is-Sindku qal li din l-inizjattiva hija tajba imma rridu nipprevjenu li jerġa jiġri kif kien ġara meta kien hemm Kumitat simili fuq il-kultura ġewwa Ħal Luqa.

3.10 Is-Sindku semma li kellu laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tax-Xogħol u l-Edukazzjoni fejn kien hemm preżenti wkoll il-Viċi Sindku fejn ġie diskuss possibiltajiet biex il-librerija tkun imkabbra. Is-Sindku semma li dan kien qallu li verament hemm problema ta' spazju ġol-Iskola imma hemm biċċa art maġenbha fejn hemm proġett li jittella indoor gym u fuqu tista' ssir il-librerija. Is-Segretarju Permanenti qallu li kien se jkollhom laqgħa mal-Perit fuq hekk.

3.11 Il-Viċi Sindku qalet biex jerġa jsir il-kors tal-Fitness for Kids peress li dan kien sar u kien popolari. Il-Kunsilliera preżenti qablu li dan għandu jerġa jsir.

3.12 Il-Viċi Sindku semmiet li kien hemm bżonn li jsiru dog litter bins aktar ġewwa Ħal Luqa. Hija qalet li dawn jistgħu jsiru Triq Wied il-Knejjes, Ħal Saflieni u maġenb l-Iskola. Is-Sindku qal li huwa se jara fuqhom peress li dawn kienu diġa saru ħafna ġewwa Ħal Luqa.

3.13 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet meta kienu se jsiru il-bus shelters. Is-Sindku qal li huwa kellu laqgħa fejn kien hemm persuna minn naħa tat-Trasport Pubbliku. Meta saqsieh fuqhom dan irrispondieh li qabel Ġunju tas-sena d-dieħla dawn mhux se jsiru.

3.14 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet fuq il-bus stage ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku qal li huwa kien qed jipproponi li dan isir biż-żebħga fl-art l-ewwel.

3.15 Il-Kunsillier Caruana saqsa x' se jiġri fuq is-sitwazzjoni tat-traffiku fi Triq il-Ġdida. Il-Kunsillier Camilleri qal li fejn tal-Parrina għandu jsir arranġament biex matul il-ħin tad-dħul u l-ħruġ tal-Iskola jidħlu t-tfal biss.

3.16 Il-Kunsillier Caruana qal li New Street għandha tkun biex jidħlu biss minn naħa ta' barra u meta jiġu bi dritt Triq Dun Pawl dawn jitilgħu l-fuq.

3.17 Is-Sindku semma li rridu nkellmu lill tal-Iskola biex meta joħorġu l-barriers sabiex jagħlqu t-Triq matul il-ħinijiet tal-ħruġ u d-dħul dawn jressquhom aktar il-ġewwa biex niggwadanjaw l-ispazju mit-Triq.

3.18 Il-Kunsillier Camilleri qal li kien hemm persuna li kienet biddlet l-istreet markings li hemm fi Triq Dun Pawl mingħajr permess tal-Kunsill. Huwa qal li kien hemm persuna li attakattu u qalet li huwa kien qed jappoġġja lill-dan l-individwu li kien biddel il-marki. Il-Kunsillier Camilleri qal li din il-ħaġa kienet urtatu ħafna u dan ma kellu l-ebda relazzjoni ma din il-persuna. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien reġa irranġa ż-żebgħa kif kienet qabel imma kienet damet peress li konna impennjatti b' xogħol ieħor.

## 4.0 POST MORTEM ATTIVITA 30 TA' SETTEMBRU

4.1 Is-Sindku faħħar lill-Kunsillier Camilleri tal-attivita li kienet saret fit-30 ta' Settembru.

4.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa lill-Kunsillier Camilleri kif dakinhar ma kienx hemm preżenti tal-Benna. Il-Kunsillier Camilleri semma li huma kellhom xi tibdil fil-persuna li kienet is-soltu tieħu ħsieb l-attivitajiet u kienu lesti li jagħtuh l-affarijiet biex jinbiegħu waqt l-attivita.

4.3 Il-Kunsillier Caruana qal li kien hemm ħafna armati bil-ħelu dakinhar u kien hemm wieħed minhom li kellu prezzijiet għoljin ħafna.

4.4 Is-Sindku semma li kien hemm bżonn li jkun hemm aktar promozzjoni. Il-Kunsillier Camilleri semma li din kienet problema anki minħabba l-fatt kif kien ġie ż-żmien u minħabba li kien hemm it-tibdil fl-organiżżatur minn naħa tal-Ministeru tal-Agrikultura.

4.5 Il-Kunsillier Camilleri semma li s-sena d-dieħla se jkun anniversarju ta' meta kienet waqgħet il-bomba fix-xelter ta Triq il-Papa Innoċenzju u għalhekk jeħtieg li tkun organiżżata attivita li tikkomemora dan l-episodju kif suppost. Il-Kunsillier Bruno qal li għall din l-okkażżjoni nistgħu nixgħelu 26 xemgħa għal kemm mietu nies. Il-Kunsillier Caruana qal li għall din l-okkażżjoni naraw li nġibu l-Military Vehicles.

4.6 Il-Kunsillier Caruana qal li għall darb' oħra meta tkun organiżżata Jum Ħal Luqa, jkun organiżżat reċiviment għall dawk li jkunu se jingħataw Ġieħ Ħal Luqa u l-familjari tagħhom. Is-Sindku qal li bħala reċiviment dan jkun jista jsir ġimgħa qabel.

4.7 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li Ġieħ Ħal Luqa nistgħu niftħuha li jinnominaw persuna r-residenti stess. Is-Sindku qal li din tista toħloq problema peress li jkun hemm minn ma jaqbilx man-nomina jew ikun irid li jkun hemm persuni oħra nominati. Is-Sindku qal li meta l-Kunsill jinnomina ma jħarisx lejn partiti jew għaqdiet imma jara li jkun hemm bilanċ.

4.8 Is-Sindku qal li għall okkażżjoni tas-sena d-dieħla ta' Jum Ħal Luqa nistgħu norganiżżaw li nsajru l-mazzitt. Il-Kunsillier Camilleri qal li f' okkażżjoni hekk irid ikun hemm varjazzjoni fl-ikel biex tkun tista tiġbed in-nies. Huwa qal li jrid ikun hemm ukoll anki varjazzjoni differenti fuq il-palk. Huwa qal li se jkun qed iħejji proposti bil-lest għas sena d-dieħla peress li daqt joħorġu l-applikazzjonijiet.

## 5.0 INAWGURAZZJONI TAL-BANDLI

5.1 Is-Sindku semma li s-Sibt li għadda kien iffirmat il-kuntratt tal-Bandli. Huwa qal li diġa informa lill-Ministeru konċernat minħabba l-inawgurazzjoni tiegħu imma għad irid jistenna d-data peress li bħalissa fil-Parlament impenjatti bil-baġitt.

5.2 Il-Kunsillier Caruana semma li jkun hemm persuni li mill-mod kif jitkellmu hawnhekk jistgħu jinfluwenzaw ħażin lit-tfal li jkun hemm. Is-Sindku qal li fuq dan il-każ ma jista jsir xejn għax il-Kunsill fuq it-tipjip jista jikkontrolla.

## 6.0 INAWGURAZZJONI TAR-RESTAWR NIĊĊA TA' SANT' ANDRIJA

6.1 Is-Sindku qal lill-Kunsillier Caruana biex it-Tnejn li ġej jkellem lill-persuna li kellha tagħmel ix-xogħol tal-bankina. Is-Sindku qal ukoll lill-Kunsillier Caruana biex jikkordina mal-Kunsillier Camilleri fuq id-dawl li kellu jsir mal-arkata.

6.2 Is-Sindku qal li l-aħjar għall inawgurazzjoni li din issir fit-2 ta' Diċembru ikun hemm korteo apposta għall fejn in-Niċċa u anki jkun hemm musketerija tal-okkażżjoni. Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa għandu l-istorja tan-niċċa u anki l-metodu tar-restawr li sar li nistgħu nużawh għall okkażżjoni.

6.3 Il-Kunsillier Caruana semma biex għall dakinhar ssir tifkira bħala oġġett li tingħata lill-għaqdiet li jkunu preżenti, biex tibqa imfakkra din l-okkażżjoni. li l-ġimgħa d-dieħla huwa kien se jkellem lill-ħaddied fuq l-ark. Huwa qal lis-Sindku biex inkellmu lill dak li kien se jieħu ħsieb il-bankina u l-ħaddied li qed jieħu ħsieb ir-railing biex nikkordinaw flimkien.

## 7.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

7.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-pagamenti.

7.2 Il-pagamenti ġew ipproponuti mis-Sindku u sekondati mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 14 t' Ottubru 2016 fis-7.00 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2016.

______________________ ______________________

John Schembri — Michael Portelli

Sindku — Segretarju Eżekuttiv